MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 110/2010

**Tal-Ġeneral Company Limited**

**-vs-**

**Kunsill Lokali tal-Mosta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentata fit-8 ta' Frar, 2010 li permezz tiegħu l-Kunsill Lokali rikorrenti ppremetta:

**1. Introduzzjoni:**

1.1. Illi nhar l-1 ta' Frar, 2010 il-kumpannija Tal-Ġeneral Company Limited (minn hawn 'il quddiem "Tal-Ġeneral") talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-Kunsill esponenti (minn hawn 'il quddiem "Kunsill Lokali Mosta") fl-ammont ta' mitejn u erbgħin elf, erba' mitt Ewro u erbgħin ċenteżmu (€240,400.40)

allegatament "somma dovuta b'rabta ma' xogħlijiet eżegwiti mir-rikorrent fuq inkarigu tas-sekwestrat b'rabta mal-proġett tal-Pjazza tar-Rotunda tal-Mosta";

1.2. Illi fil-fehma tal-Kunsill Lokali Mosta, dana l-mandat ta' sekwestru nħareġ abbużivament fil-konfront tal-istess u hemm raġunijiet biżżejjed sabiex jiġi revokat fl-intier tiegħu skond dak li jiddisponi l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2. Ma jistax jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fil-konfront ta' Kunsill Lokali**

2.1. Skond l-artikolu 837 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistgħux jinħarġu mandati ta' qbid jew ta' sekwestru kawtelatorji kontra l-Gvern ta' Malta;

2.2. Skond l-artikolu 115A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Kunsill Lokali huwa "gvern lokali" u għalhekk ma jistgħux jinħarġu mandat kawtelatorji fil-konfront ta' Kunsill Lokali;

2.3. Għal din ir-raġuni biss, il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi għandu jiġi revokat fl-intier tiegħu;

**3. Mhuwiex raġonevoli illi l-mandat odjern jinżamm fis-seħħ**

3.1. Il-Kunsill Lokali Mosta jsostni illi s-sekwestru illi nħareġ fuq talba "Tal-Ġeneral" għandu jiġi revokat ukoll skond ma jiddisponi l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli illi tali mandat jinżamm fis-seħħ;

3.2. Kunsill Lokali huwa gvern lokali mogħni b'diversi mansjonijiet kif jirriżulta mill-artikolu 33 (1) tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex jaqdi dawn il-mansjonijiet Kunsill Lokali s'intendi għandu bżonn li jħaddem u jimpjega nies miegħu kif ukoll iqabbad terzi kuntratturi għal qadi tal-istess;

3.3. Għal qadi ta' dawn il-mansjonijiet u sabiex Kunsill Lokali jkun f'qagħda illi jonora l-obbligi ma' terzi, l-artikolu 55 (1) tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi kull sena l-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu jalloka vot tant l-Att dwar l-Approprjazzjoni li għandu jintuża għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Kunsilli;

3.4. Għalhekk ma hemm ebda biża' illi l-Kunsill Lokali Mosta m'huwiex wieħed likwidu u jew illi m'huwiex sejjer jonora xi sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, f'każ illi jinstab illi l-pretensjonijiet Tal-Ġeneral huma fondati;

3.5. Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa illi jinħareġ il-mandat odjern u kwindi ma huwiex raġonevoli illi l-istess jinżamm fis-seħħ;

3.6. Dan ir-raġunament ġie abbraċċjat drabi oħra mill-Qrati tagħna senjatament fid-digriet mogħti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru: 214/2009/JAB fl-ismijiet **"Paul Cutaiar *vs* Kunsill Lokali Birgu"**, deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-23 ta' Novembru, 2009 fejn mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra Kunsill Lokali ġie revokat għar-raġunijiet imsemmija f'dan ir-rikors;

3.7. In aġġunta ma' dan kollu ma huwiex lanqas raġonevoli illi l-mandat ta' sekwestru odjern jinżamm fis-seħħ għaliex anke kieku stess jingħad – għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss – illi Tal-Ġeneral jista' jkollha xi raġun fil-mertu, il-Kunsill Lokali Mosta huwa prekluż, kif taf l-istess kumpannija sekwestranti, milli jgħaddi pagamenti lil Tal-Ġeneral u dana għaliex l-istess Kunsill Lokali ġie ndikat bħala sekwestratarju u debitament notifikat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra Tal-Ġeneral (mandat ta' sekwestru bin-numru 1252/2008) f'ammont kważi ugwali għal dak pretiż minn Tal-Ġeneral;

3.8. Għalhekk ukoll mhux talli ma hemmx ħtieġa għall-mandat odjern iżda dan inħareġ kapriċċjożament u sabiex jistultifika lil Kunsill Lokali Mosta milli jaqdi dmirijietu skond il-liġi;

3.9. Illi *di piu`* l-Kunsill Lokali Mosta jirrileva illi bejn il-kontendenti odjerni hemm pretensjonijiet illi ilhom għal snin sħaħ pendenti - saħansitra għal aktar minn tlett (3) snin meta l-Kunsill Lokali Mosta kien diversament kompost - u dana fir-rigward ta' xogħol illi Tal-Ġeneral ma eżegwiex skond is-sengħa u l-arti, u għal penali għad-dewmien fuq l-istess. Tal-Ġeneral xorta jippretendi pagament pero' s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali Mosta ma nbidlitx bl-ebda mod wara t-trapass ta' dan iż-żmien u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni valida sabiex jinħareġ il-mandat odjern għajr bħala tattika ta' *"arm twisting";*

**4. Talba**

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Mosta umilment jitlob illi Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. fl-ewwel lok, u **b'urġenza** tordna illi proviżorjament u pendenti l-eżitu ta' dana r-rikors dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-sekwestratarji sabiex minnufiħ ma jgħaddux għad-depożitu tal-fondi ta' l-esponenti taħt l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti b'notifika lill-istess sekwestratarji;

2. fit-tieni lok, tordna t-tħassir ta' l-att kawtelatorju *ai termini* tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' intimata Tal-Ġeneral Company Limited, ippreżentata fis-16 ta' Frar, 2010 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti ser tillimita ruħha li tirrispondi għal punti sollevati mill-Kunsill Lokali tal-Mosta

taħt paragrafu tnejn (2) u tlieta (3) tar-rikors tiegħu tat-8 ta' Frar 2010;

**2. <u>Ma jistax jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fil-konfront ta' Kunsill Lokali</u>**

Illi wiehed ma jifhimx l-argument li jixtieq jagħmel il-Kunsill Lokali sekwestrat meta l-istess Kunsill Lokali fir-rikors tiegħu jagħmel referenza għal ġurisprudenza tal-Qrati Maltin li diġa' ttrattat dan il-punt u ġie dikjarat li s-sottomissjoni mressqa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta hija bla fundament ġuridiku.

Illi a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza għad-digriet numru 418/2009 JAB mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-23 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet ***Paul Cutajar vs Kunsill Lokali Birgu*** fejn dik il-Qorti qalet:

"Il-Qorti wara li qieset iż-żewġ deċiżjonijiet tara li hu minnu illi Kunsill Lokali hu awtonomu u indipendenti mill-Gvern Ċentrali u b'personalita’ ġuridika distinta u hu regolat prinċipalment mill-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta ..."

Illi l-Art. 837(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli fil-każ odjern in kwantu hawnhekk is-sekwestrat ma huwiex il-Gvern ta' Malta u l-interpretazzjoni li jipprova jagħti l-Kunsill sekwestrat ta' dan l-artikolu huwa wieħed mġebbda għall-aħħar;

Illi l-Kunsilli Lokali huma mwaqqfa u regolati minn liġi *ad hoc* u għandom personalita' ġuridika separata u distinta minn dik tal-Gvern Ċentrali li għalih japplika 1-Art. 837(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3. <u>M’huwiex raġonevoli illi l-mandat odiern jinżamm fis-seħħ</u>**

Illi l-fatt li l-Kunsill Lokali għandu diversi mansjonijiet u jimpjega diversi nies bl-ebda mod ma jfisser li m’huwiex raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru jinżamm fis-seħħ;

Illi s-soċjeta` esponenti timpjega diversi ħaddiema li l-għajxien tal-familji tagħhom jiddependi fuq din is-soċjeta` u għalhekk huwa naturali li s-soċjeta` esponenti tieħu dawk il-passi legali kollha spettanti lilha sabiex tiġbor dawk il-flejjes dovuti lilha;

Illi hawnhekk wieħed irid jieħu kont tal-fatt li hawnhekk wieħed qiegħed jittratta dwar ammonti li ilhom dovuti f'ċertu każi mis-sena 2004;

Illi s-soċjeta` esponenti kienet nhar il-25 ta' Ġunju 2008 ppreżentat ittra uffiċjali fil-konfront tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, (Dok FG1) debitament notifikata, għall-ammont indikat minnha issa fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju liema ittra ufficjali qatt ma ġiet risposta;

Illi *inoltre* b'mod informali, in vista tal-kambjament fil-komponenti tal-Kunsill miż-żmien li fih ingħata l-appalt lis-soċjeta` esponenti sal-ġurnata li fih ġiet notifikata l-ittra uffiċjali, s-soċjeta` esponenti ġiet infurmata li l-Kunsill Lokali tal-Mosta kien inkariga lill-Avukat Dr John Bonello u 1-Perit Mario Cassar sabiex iħejju rapport dwar s-somom dovuti lis-soċjeta` esponenta;

Illi wara li s-soċjeta` esponenti dejjem kienet tiġi nfurmata li dan ir-rapport kien qiegħed jiġi mħejji, wara aktar minn sena rriżulta li fil-fatt dan ir-rapport mhux talli qatt ma tlesta iżda saħansitra qatt ma nbeda; (Dok FG2)

Illi *inoltre* f’dan iż-żmien kollu, il-Kunsill Lokali tal-Mosta qatt ma nforma lis-soċjeta` esponenti fejn jekk ma kienx qed jaqbel mal-pretensjonijiet tas-soċjeta` esponenti;

Illi dwar il-likwidita` *o meno* tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u l-biża' li l-kreditu tas-soċjeta` esponenti jiġi eluż f’dan l-istadju ser issir referenza biss għal minuti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta li jindikaw b'mod ċar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali in kwistjoni:

Dok FG3-

***Minuti tal-Laqgħa nru.32 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejha għal nhar il-Ħamis, 22 ta' Ottubm 2009 il-5:30 p.m.***

***3.0 Materji Finanzjarji***

***3.01 Preżentazzjoni tal-Accounts ta' 1st u 2nd quarter mill-Accountant - Ms Romina Perici Ferrante***

***L-accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante, ippreżentat l-accounts tal-Kunsill għall-ewwel u t-tieni kwart tas-sena finanzjarja. Hija spjegat li l-financial indicator huwa kważi zero% u l-bogħod ferm mill-figura ta' 10% kif titlob il-liġi. Hija, għalhekk informat lill-Kunsill li ma huwiex f'pożizzjoni li japprova infiq għajr dak statutorju. Dan sakemm tirranġa ruħha s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.***

DokFG4-

***Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tal-Ħames Kunsill tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2009 fis-7:00 p.m.***

***2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif jafu l-Kunsilliera kollha il-Kunsill kien irċieva struzzjonijiet mid-Dipartiment sabiex ma jagħmilx spejjeż għajr dawk statutorji bil-liġi qabel ma jkun hemm improvement fil-financial indicator tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li meta talab parir, kien irċieva struzzjonijiet speċifiċi mingħand kemm id-Direttur kif ukoll is-Segretarju Parlamentari sabiex jara li jimxi skond il-liġi għaliex huwa kien responsabbli personalment għall-osservazzjoni tal-liġi fejn għandhom x'jaqsmu finanzi tal-Kunsill. Is-Segretarju ddikjara li ma kienx lest jiffirma għal ebda spejjeż li m'humiex statutorji u li kien ser jobdi d-direttiva tad-dipartiment anke jekk tgħaddi din il-mozzjoni għaliex il-finanzi ma jippermettux li jsir infiq oltre dak ibbudgetjat.***

DokFGS-

***Minuti tal-Laqgħa nru. 35 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet msejħa għal nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009 fis-7:00 p.m.***

***2.00 Tagħrif mill-Minuti tal-Laqgħa Nru.33***

***2.01 Is-Sindku qalli li dwar item 2.06 li titratta dwar struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex ma jsirux spejjes għajr dak statutorji, huwa xtaq jikkumenta li huwa jiddispjacih illi Kunsilli oħra b'deficits kbar baqgħu għaddejjin qisu m'hu xejn.***

Illi s-soċjeta` esponenti tirriserva d-dritt li tittratta u ġġib provi ulterjuri dwar dan il-punt waqt l-udjenza skedata għas-17 ta' Frar 2010 fl-10:30am;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kunsill esponenti għalkemm huwa minnu dak dikjarat fir-rikors tal-Kunsill Lokali tal-Mosta f'punt 3.3, jevita li jispjega li dak dikjarat hemm huwa limitat b'dak li tipprovdi t-tmien skeda tal-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok FG6) li minnha jidher biċ-ċar li proġett bħal dak in kwistjoni ma huwiex kopert bl-allokazzjoni li ta' kull sena l-Gvern Ċentrali jagħmel lil Kunsill, li xorta waħda jidher li ma huwiex biżżejjed sabiex ikopri l-ispejjeż u d-debiti li għandu l-istess Kunsill Lokali;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ftit jagħmel sens legali dak sottomess f'punt 3.7 tar-rikors tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Huwa punt seren tad-dritt Malti li flejjes maqbuda permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma jagħtix id-dritt lis-sekwestrant li japproprja dawk il-flejjes jew jikkomporta xi obbligu da parti lis-sekwestrat jħallas lis-sekwestrant. Il-flejjes sekwestrati jiġu depozitati taħt l-awtorita` tal-Qorti sabiex f'każ ta' eżitu pożittiv favur is-sekwestrant f'proċeduri li huwa jistitwixxi jkun jista' jesegwixxi titolu eżekuttiv hekk ottenut. Il-fatt li s-sekwestrant f'dawn il-proċeduri għandu krendituri huwa wkoll huwa rrelevanti għad-dritt tiegħu li jitlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fil-konfront tad-debitur tiegħu sabiex jqiegħed fiż-żgur pretensjoni tiegħu li f'każ ta' eżitu pożittiv jippermettilu jħallas krendituri oħra tiegħu;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dak dikjarat f'punt 3.9 tar-rikors tal-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u huwa kontradett mill-fatti. Mhux talli l-istess Kunsill Lokali qatt ma wieġeb għall-ittra uffiċjali ppreżentata mis-soċjeta` esponenti (Dok FG1) iżda saħansitra nkariga lill-Avv. John Bonello u l-Perit Mario Cassar sabiex iħejjulu rapport fuq dak dovut lis-soċjeta` esponenti, liema rapport issa jirriżulta li qatt ma nbeda;

Illi fil-ġranet li ġejjin, s-soċjeta` esponenti ser tgħaddi biex tippreżenta l-arbitraġġ skond it-termini tat-*tender* in kwistjoni, in sostenn tal-pretensjoni tagħha;

Tant għandha x'tissottometti s-socjeta` esponenti f'dan l-istadju għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant in vista tal-premess is-soċjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha żżomm *in vigore* l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 151/2010 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tiċħad it-tlabiet tal-Kunsill Lokali tal-Mosta kontenuti fir-rikors tiegħu tat-8 ta' Frar 2010.

Bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill Lokali tal-Mosta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2010 li permezz tagħha r-rikors tħalla għas-sentenza wara li saret it-trattazzjoni mill-avukati.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandati ta' sekwestru illi nħareġ fuq talba tas-soċjeta' intimata li jgibu in-numru ndikati fl-okkju u qed jiċċitaw żewġ kawżali, ossija li bħala Kunsill Lokali ma jistax jinħareġ kontra tiegħu dan il-mandat skond l-artikolu 837 tal-Kap. 12 u l-artikolu 115A tal-Kostituzzjoni u anke *ai termini* tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-ewwel kawżali l-Kunsill qed isostni illi l-artikolu 115A tal_Kostituzzjoni jgħid illi l-istat għandu

jaddotta sistema ta’ Gvern Lokali (b’riferenza għall Kunsilli Lokali) u billi skond l-artikolu 837 (2) tal-Kap. 12 ma jistax jinħareġ mandat ta’ sekwestru simili kontra l-Gvern ta’ Malta, dan ifisser li lanqas kontra l-Kumsilli Lokali ma jistgħu jinħarġu dawn il-mandati.

Illi dwar l-*istatus* ta’ Kunsill Lokali, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża **“Thomas Cauchi et vs Kummissarju tal-Artijiet”** deċiża fit-12 ta’ Ottubru 2001 iddeċidiet, b’riferenza għall-lokazzjoni mill-Kummissarju lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun, illi din kienet tikkostitwixxi sullokazzjoni peress li l-Kunsill Lokali għandu rappreżentanza ġuridika distinta mill-Gvern (rappreżentat f’dik il-kawża mill-Kummissarju konvenut. Madankollu mbagħad f’kawża kostituzzjonali deċiża minn din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha (**“Kunsill Lokali Kirkop vs Avukat Generali et”** – deċiża fl-20 ta’ Ottubru 2010) il-Qorti iddeċidiet li l-Kunsill Lokali ma kellux *locus standi* biex jipproċedi kontra l-Gvern stess f’kawża simili – u dan għaliex il-Kunsill kien parti mill-istruttura tal-Gvern.

Illi ma hemmx dubju li l-Att XV tal-1993 investa lill-Kunsilli Lokali b’rappreżentanza ġuridika distinta minn dik tal-Gvern. Il-Qorti għalhekk ma tħossx li *ut sic*, il-Kunsilli Lokali għandhom l-istess immunita’ li għandu l-Gvern permezz tal-Artikolu 837 (2) fuq imsemmi.

Illi madankollu mill-mod stess li huwa iffinanzjat Kunsill Lokali, u ċioe’ li kull sena l-Gvern ċentrali jgħaddilu somma flus biex jiġġestixxi l-lokal, isegwi li kuntrarjament għal entitajiet oħra li ma għandhom ebda relazzjoni diretta mal-Gvern, kull sena se jidħlu fil-kontijiet tagħhom somma flus li tiggarantixxi xi darba jew oħra li l-kreditur ikun jista’ jesegwixxi l-kreditu tiegħu *una volta* dan jiġi konvertit f’titolu eżekuttiv.

Illi s-sub-artikolu tal-Artikolu 836 indikat mir-rikorrenti isemmu fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat:

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li

dan l-att jew parti minn mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001; mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. (ara ukoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Illi fil-kaz in eżami għalhekk peress li l-Qorti hija sodisfatta li l-allegat kreditu tas-soċjeta intimata jista' jiġi garantit b'influss ċert ta' fondi għand ir-rikorrenti ma tarax għaliex l-istess soċjeta' kellha għalfejn f'dan l-istadju titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat. Mandat kawtelatorju jinħareġ biex il-kreditur iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tiegħu. (artikolu 829 tal-Kap. 12). Ma għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċioe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tħoss li f'kazijiet simili, ma hemmx bżonn li dan isir f'dan l-istadju, (ċioe' qabel jiġi determinat jekk il-kreditu jeżistix u jekk jeżisti

kemm hu eżattament) għaliex hemm iċ-ċertezza li fil-futur jista’ jsir.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru 151/2010 preżentat fl-4 ta’ Frar 2010 kontra l-Kunsill Lokali tal-Mosta; fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------